MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2017

Rikors Maħluf Numru: 342/15LM

**Denis Tanti (K.I. 660451M)**

***vs.***

**1. Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ u b'digriet tal-14 ta' Ottubru, 2016 l-isem tagħha ġie mibdul għal Jobs Plus u 2. Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attur **Denis Tanti** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), li ġie pprezentat fil-15 ta' April, 2015, li jgħid:

*Dikjarazzjoni dwar l-oġġett tal-kawża*

*Illi fil-11 t'Awwissu, 2014 il-korporazzjoni intimata ħarġet sejħa għall-applikazzjoni għall-mili tal-postijiet ta' Part Time Trainer mal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC).*[1] *Sussegwentement, fl-20 t'Awwissu, 2014, l-esponent issottometta l-applikazzjoni tiegħu permezz ta' ittra elettronika li bagħat lil Dr Inġ. Chris Micallef, Acting Department Manager tal-People Management and Corporate Services tal-korporazzjoni intimata.*[2] *Din kienet ikkupjata lis-Sur Christian Borg, Executive mal-istess People Management and Corporate Services.*

*Illi fil-21 t'Awwissu, 2014 l-esponent irċieva acknowledgement li permezz tiegħu kien mgħarraf li kienu rċevew l-applikazzjoni tiegħu.*[3]

*Illi madwar xahrejn wara, preċiżament fit-18 t'Ottubru, 2014, l-esponent bagħat ittra elettronika lis-Sur Borg fuq imsemmi li permezz tagħha staqsieh dwar jekk kienx hemm xi żvilupp rigward l-applikazzjoni tiegħu iżda ma ngħata ebda tweġiba.*[4] *Sussegwentement, fit-30 ta' Ottubru, 2014 l-esponent reġa' bagħat ittra elettronika lis-Sur Borg li permezz tagħha reġa' staqsieh dwar jekk kienx hemm xi żvilupp rigward l-applikazzjoni tiegħu.*[5] *Din id-darba kkopja l-ittra lil Dr Inġ Micallef fuq imsemmi iżda xorta waħda baqa' mingħajr ebda tweġiba. Fil-fatt fl-14 ta' Novembru, 2014 reġa' bagħat ittra elettronika din id-darba lis-Sur Felix Borg, Kap tal-Corporate Planning Division tal-ETC, li kien jiġi l-uffiċjal superjuri immedjat ta' Dr Inġ Micallef.*[6] *Din l-ittra kienet ikkupjata kemm lil Dr Inġ Micallef u kif ukoll lis-Sur Borg. Iżda għal darb'oħra ma ngħata ebda tweġiba.*

*Illi fit-30 ta' Novembru, 2014 l-esponent reġa' bagħat ittra elettronika oħra din id-darba lis-Sur Philip E. Rizzo, Chief Executive Officer tal-ETC, li permezz tagħha talbu biex ġentilment jieħu azzjoni xierqa biex jiżgura li l-informazzjoni mitluba tkun provduta lilu mingħajr aktar dewmien.*[7] *Iżda lanqas din id-darba ma ngħata tweġiba. Sussegwentement, fis-6 ta' Diċembru, 2014 l-esponent*

[1] *A fol.* 7 u 8 u *a fol.* 40 tal-proċess – Dok. A u Dok. 1 rispettivament.
[2] *A fol.* 9 u 10 u *a fol.* 41 u 42 tal-proċess - Dok. B. U Dok. 2 rispettivament.
[3] *A fol.* 11 u *a fol.* 43 tal-proċess – Dok. C u Dok. 3 rispettivament.
[4] *A fol.* 12 u *a fol.* 44 tal-proċess – Dok. D u Dok. 4 rispettivament.
[5] *A fol.* 13 u *a fol.* 45 tal-proċess – Dok. E u Dok. 5 rispettivament.
[6] *A fol.* 14 u *a fol.* 46 tal-proċess – Dok. F. U Dok. 6 rispettivament.
[7] *A fol.* 15 u *a fol.* 47 tal-proċess – Dok. G. U Dok 7 rispettivament.

*bagħat ittra elettronika lill-Kummissarju tal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data li permezz tagħha għarrfu dwar is-sitwazzjoni filwaqt li talbu jieħu l-azzjoni neċessarja sabiex il-korporazzjoni intimata tikkonforma mal-obbligu tagħha li tipprovdilu l-informazzjoni li kien qed jitlob.*[8]

*<u>Raġuni tat-Talba</u>*

*Illi b'ittra tat-8 ta' Jannar, 2015 l-avukat tal-korporazzjoni intimata għarrfet lill-Kummissarju tal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data li minħabba tilwima legali eżistenti bejn l-esponent u l-korporazzjoni dwar servizzi li kien jagħti l-esponent bħala Part-Time Trainer, u li kienu ġew imwaqqfa mill-korporazzjoni f'Awwissu 2014, kienet ittieħdet deċiżjoni mill-korporazzjoni illi ma jkunx hemm tweġiba għat-talba tiegħu għall-informazzjoni. Tajjeb wieħed jippreċiża illi din it-tilwima ma kellha x'taqsam xejn mal-applikazzjoni li dwarha l-esponent kien qed jitlob informazzjoni, u fil-fatt l-esponent għandu kontra l-korporazzjoni intimata kawża pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti bin-numru 969/14 JRM, li hija iżda fuq mertu totalment differenti minn dak lamentat fil-kawża odjerna.*

*Illi b'ittra tas-26 ta' Jannar, 2015 il-Kummissarju tal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data wieġeb lill-Avukat tal-korporazzjoni fejn qal li l-informazzjoni li kien qed jitlob l-esponent kienet taqa' barra mill-iskop tat-tilwima legali u ma kinetx tinterferixxi ma' din il-kwistjoni u għalhekk kellha tiġi pprovduta lilu.*[9] *Kompla jgħid li l-korporazzjoni kellha obbligu li tipprovdih b'informazzjoni bil-miktub u li l-liġi ma kinitx tiġġustifika ċ-ċaħda tal-korporazzjoni li tipprovdilu l-informazzjoni. Fl-aħħar nett ordna lill-korporazzjoni tipprovdilu l-informazzjoni filwaqt li avżaha li fin-nuqqas li tagħmel dan kienet ser tiġi imposta multa amministrattiva fuqha skont kif kontemplat mil-liġi.*

*Illi b'ittra tat-28 ta' Jannar, 2015 l-avukat tal-korporazzjoni intimata bagħtet ittra lill-esponent fejn filwaqt li għamlet referenza għall-intervent tal-Kummissarju tal-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data qalet li r-reċipjenti jew kategoriji ta' reċipjenti ta' din l-informazzjoni huma l-People Management*

---

[8] *A fol*. 16 u *a fol.* 48 tal-proċess – Dok. H u Dok. 8 rispettivament.
[9] *A fol.* 17 u 18 u *a fol.* 49 u 50 tal-proċess – Dol. I u Dok. 9 rispettivament.

*Department u l-Quality Assurance Unit li jaqgħu taħt it-tmexxija ta' Dr Inġ Micallef u Mariella Vella rispettivament.*[10]

*Illi dan kollu wassal sabiex l-esponent ġie eskluż mill-proċess tal-għażla għall-mili ta' postijiet ta' Part Time Trainer mal-ETC skont l-applikazzjoni li kien issottometta.*

*Illi l-esklużjoni tal-esponent mill-proċess tal-għażla appena msemmi ma sarx għal raġuni valida u dan billi l-imsemmija esklużjoni da parti tal-korporazzjoni intimata ssejjset fuq raġunijiet li ma huma bl-ebda mod rilevanti, b'mod speċjali jekk ir-raġuni kienet dik illi l-esponent kellu tilwima oħra mal-korporazzjoni fuq materja differenti.*

<u>*Talba*</u>

*Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija l-esponent jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha prevja kull dikjarazzjoni opportuna:*

1. *Tiddikjara illi l-għemil fuq imsemmi tal-intimati u/jew min minnhom sar b'abbuż u b'irregolaritajiet li jmorru kjarament kontra l-liġi u li għalhekk jikkostitwixxu ksur tal-Artikolu 469A (1)(a) inkwantu ma ġiex rispettat l-Artikolu 110 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u li tali għemil huwa ultra vires ai termini tal-Artikolu 469A(1) (b) (i) (ii), (iii) u (iv) u dan għaliex dan l-għemil twettaq minn awtorità pubblika li ma kinitx awtorizzata sabiex twettqu; u/jew l-istess konvenuti jew min minnhom naqsu milli josservaw il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettieq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil; u/jew għaliex l-għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż/setgħa tal-awtorità pubblika billi dan sar għal għanijiet mhux xierqa u ssejjes fuq konsiderazzjoni mhux rilevanti, inkwantu tali esklużjoni tal-esponent mill-proċess tal-għażla saret għal konsiderazzjonijet li mhumiex validi fil-liġi; u/jew l-għemil amministrattiv mar mod ieħor kontra l-liġi.*

[10] *A fol.* 19 u 20 u reġa' *a fol.* 51 u 52 tal-proċess – Dok. J u Dok. 10 rispettivament.

2. *Jekk occorrendo jkun il-każ, tordna fi żmien qasir u perentorju lill-istess intimati jew min minnhom sabiex jagħtu kull informazzjoni lill-esponent relattiva mal-proċess tal-għażla għas-sejħa għal trainers fuq imsemmija safejn jikkonċerna lilu, u sabiex jipprovdu informazzjoni wkoll dwar kif sar il-proċess tal-għażla u r-raġuni għaliex hu ġie speċifikament eskluż mill-istess.*

3. *Tagħti lill-intimati jew min minnhom dawk id-direttivi u ordnijiet oħra li jidhrilha xierqa u opportuni.*

   *Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju fl-ismijiet premessi, kontra l-intimati minn issa inġunti in subizzjoni, u b'riserva wkoll għal kull azzjoni oħra spettanti lill-esponent.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut Segretarju Permanenti"), maħlufa minn Joseph Caruana u ppreżentata fil-11 ta' Mejju, 2015, fejn ġie eċċepit:

1. *Illi preliminarjament, is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru mhux il-leġittimu kuntradittur f'din il-kawża stante li huwa ma jiffigura mkien f'din il-kwistjoni u inoltre, il-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ hija enti morali b'personalità ġuridika distinta kif stabbilit permezz tal-artikolu 5(2) tal-Kap. 343 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ) u għalhekk separata mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol;*

2. *Illi preliminarjament ukoll u bla preġudizzju, ir-rikorrent ma jistax jinqeda mill-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju kif kontemplat fl-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi f'dan il-każ, l-esponent ma wettaq l-ebda għemil amministrattiv fil-konfront tar-rikorrenti;*

*3. Illi fil-mertu, l-esponent mhux edott mill-fatti ta' dan il-każ u kwalunkwe allegazzjonijiet u pretensjonijiet min-naħa tar-rikorrent fil-konfront tal-esponent huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*4. Illi l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli għal xi nuqqas tal-intimat Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u għaldaqstant m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż tal-istanti;*

*5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-**Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ** (minn issa 'l quddiem "il-Korporazzjoni konvenuta"), maħlufa minn Clyde Caruana kif debitament awtorizzat *qua Chairman* tal-Korporazzjoni u ppreżentata fil-11 ta' Mejju, 2015, fejn ġie eċċepit:

1. *Li in linea preliminari, jiġu umilment eċċepit li t-talbiet rikorrenti huma kontradittorji u konsegwentement l-azzjoni hekk kif proposta hija nulla u improponibbli.*

2. *Li mingħajr preġudizzju għas-suespost iżda wkoll preliminarjament, ir-rikorrent għandu jiddikjara liema għemil amministrattiv qiegħed jistħarreġ permezz tat-talbiet odjerni, stante li dan ma jirriżultax b'mod ċar mir-rikors ġuramentat tiegħu, liema fatt ipoġġi lill-Korporazzjoni esponenti f'pożizzjoni ta' preġudizzju fil-proċeduri odjerni.*

3. *Li wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost iżda wkoll preliminarjament, jiġi umilment eċċepit li l-applikazzjoni sottomessa mill-applikant fl-20 ta' Awwissu, 2014 għas-sejħa maħruġa mill-Korporazzjoni esponenti għall-postijiet ta' Part Time Trainers tal-11 ta' Awwissu, 2014 għadha pendenti u ma ġietx eskluża u għalhekk il-lamenteli tar-rikorrent huma intempestivi.*

4. *Li wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, l-artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa inapplikabbli għall-fatti u ċirkostanzi li*

*għalihom għamel referenza r-rikorrent, stante li s-sejħa inkwistjoni ma kinitx għall-ħatra ta' uffiċjali pubbliċi u għalhekk mhux minnu li l-Korporazzjoni esponenti b'xi mod kisret il-Kostituzzjoni ta' Malta bl-għemil tagħha.*

5. *Li wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-għemil tal-Korporazzjoni esponenti sar fl-ambitu tar-responsabilitajiet amministrattivi ordinarji tal-Korporazzjoni esponenti u skont il-Liġi.*

6. *Li wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma jirriżultax u huwa kategorikament miċħud li fl-għemil tagħha, il-Korporazzjoni esponenti b'xi mod ma osservatx il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil.*

7. *Li wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma jirriżultax u huwa kategorikament miċħud li bl-għemil tagħha, seħħ xi abbuż tas-setgħat tal-Korporazzjoni esponenti billi dan sar għal għanijiet mhux xierqa jew kien imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti, u/jew li l-għemil tal-Korporazzjoni esponenti kien imur b'xi mod ieħor kontra l-Liġi.*

8. *Li wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, subordinatament, hija miċħuda kategorikament l-allegazzjoni tar-rikorrent li huwa ġie eskluż mill-proċess tal-għażla tas-sejħa suriferita, stante li l-applikazzjoni tiegħu ġiet sospiża temporanjament pendenti l-eżitu tal-proċeduri ċivili istitwiti mir-rikorrenti stess fl-ismijiet **Denis Tanti vs. Chairman Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ et** numerati 969/2014 (JRM) quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta, u dan għaliex il-mertu ta' dawn il-proċeduri numerati 969/2014 jinċidi direttament fuq il-proċess tal-għażla tal-proċeduri odjerni, stante li jirrigwarda l-istess pożizzjoni u l-istess proċess tal-għażla.*

9. *Li konsegwentement fir-rigward tal-ewwel talba rikorrenti, ma hemm l-ebda deċiżjoni u/jew għemil x'jiġi rivedut.*

10. *Li fir-rigward tat-tieni talba rikorrenti, jiġi umilment eċċepit li l-Korporazzjoni esponenti, permezz tal-avukat tagħha, ipprovdiet l-informazzjoni kollha li*

*hija obbligata tipprovdi skont il-Liġi dwar l-applikazzjoni inkwistjoni lir-rikorrent, senjatament permezz tal-ittra tat-28 ta' Jannar, 2015 li kopja tagħha ġiet esebita mir-rikorrent stess immarkata Dok. J, u mhux biss informazzjoni dwar ir-reċipjenti jew kategoriji tar-reċipjenti ta' din l-informazzjoni, kif ta x'jifhem ir-rikorrent fir-rikors ġuramentat tiegħu.*

11. *Li fir-rigward tat-tielet talba rikorrenti, ma hemm l-ebda rimedji, direttivi u/jew ordnijiet li din l-Onorabbli Qorti għandha u/jew tista' tagħti fiċ-ċirkostanza.*

12. *Salv eċċezzjonijiet oħra.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat id-dokumenti li huma esebiti in atti.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Marzu, 2017 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

L-attur Denis Tanti qed jitlob lill-Qorti biex tistħarreġ l-għemil tal-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ, illum Jobs Plus, minħabba li meta

applika għal *part-time trainer* mal-istess Korporazzjoni f'settur relatat mas-saħħa u s-siġurtà fuq il-post tax-xogħol u partikolarment fil-*first aid* u *health and safety,* wara sejħa għall-applikazzjoni maħruġa fil-11 ta' Awwissu, 2014, hu allegatament tħalla mingħajr ebda risposta dwar dik l-applikazzjoni sakemm ippreżenta din il-kawża fil-15 ta' April, 2015. L-attur f'din il-kawża qiegħed jitlob li din il-Qorti: (i) tiddikjara li l-għemil tal-Korporazzjoni kien abbużiv, irregolari u bi ksur tal-artikolu 469A(1)(a) tal-Kap. 12 inkwantu ma ġiex rispettat l-artikolu 110 (1) tal-Kostituzzjoni; (ii) tiddikjara li tali għemil huwa *ultra vires* ai termini tal-artikolu 469A (1) (b) (i), (ii), (iii) u (iv) tal-Kap. 12; (iii) tordna li l-konvenuti jagħtu kull informazzjoni dwar il-proċess li sar u tagħti direttivi meħtieġa lill-istess konvenuti.

Is-Segretarju Parlamentari fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, preliminarjament ikkontesta t-talbiet attriċi stante li (i) l-Korporazzjoni għandha personalità ġuridika distinta u separata[11] mill-Ministeru u għalhekk l-istess Segretarju Permanenti mhux il-leġittimu kontradittur; (ii) li huwa ma wettaq ebda għemil amministrattiv versu l-attur; (3) tant li lanqas ma hu edott mil-fatti; u (4) lanqas għandu jsofri ebda spejjeż ta' dawn il-proċeduri.

Min-naħa tal-korporazzjoni konvenuta **Jobs Plus**, eċċepit li (i) t-talbiet attriċi huma kontradittorji; (ii) ma jirriżultax b'mod ċar liema għemil

[11] Art. 5(2) tal-Kap. 343 tal-Liġijiet ta' Malta.

amministrattiv qed jintalab li jiġi mistħarreġ; (iii) l-azzjoni attriċi hija intempestiva għax għadha ma ttieħdet ebda deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tal-attur u dan stante li jirriżulta li l-attur kien għadu kif kien ġie imkeċċi minn kariga ta' *part-time trainer* fl-istess settur relatat mas-saħħa fuq il-post tax-xogħol iżda dwar *careworkers* ma' tfal u anzjani, li kellhom ħafna suġġetti simili għal dawk li dwarhom kienet saret is-sejħa mertu tal-kawża; (iv) li hemm kawża għaddejja ppreżentata mill-attur odjern kontra l-Korporazzjoni konvenuta odjerna[12] dwar it-terminazzjoni tal-ingaġġ tiegħu bħala *part-time trainer* magħha u l-Korporazzjoni konvenuta ddeċidiet illi l-applikazzjoni mertu tal-kawża għandha tinżamm pendenti sakemm ikun hemm deċiżjoni finali dwar il-kawża imsemmija. Fil-mertu Jobs Plus sostniet ukoll (v) illi l-imsemmija sejħa ma kinitx għal uffiċjali pubbliċi u għalhekk mhux regolatata bl-artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni; (vi) li l-għemil amministrattiv tagħha kien skont il-liġi u (vii) ċaħdet li l-għemil tagħha kien jaqa' taħt il-parametri tal-artikolu 469A (1) (b) (i), (ii), (iii) u (iv) tal-Kap. 12. Għaldaqstant lanqas mhuwa l-każ illi hemm xi direttivi jew ordnijiet li din il-Qorti għandha għalfejn tagħti.

**Ikkunsidrat:**

[12] P.A. 969/14JRM li għadha sal-lum pendenti.

## Provi u riżultanzi

Illi mill-provi li ressaq l-attur, jirriżulta li huwa kien applika għas-sejħa kif ingħad fuq fl-20 ta' Awwissu, 2014 u meta staqsa għal informazzjoni diversi drabi dwar fejn kienet waslet l-applikazzjoni tiegħu lil uffiċjali differenti tal-korporazzjoni konvenuta, u ċjoè fit-18 ta' Ottubru, 2014, fit-30 ta' Ottubru, 2014, fl-14 ta' Novembru, 2014 u fit-30 ta' Novembru, 2014, hu baqa' bla ebda tweġiba. Għalhekk kiteb lill-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-*Data* (minn issa 'l quddiem "il-Kummissarju") fis-6 ta' Diċembru, 2014 u minn dokument fil-pussess tal-attur[13] u ċjoè ittra li l-Kummissarju reġa' kiteb lill-Korporazzjoni konvenuta, irriżulta li din infurmat lill-Kummissarju li ma kinitx weġbitu lill-attur minħabba li kien hemm kawża pendenti mal-istess attur dwar it-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu f'Awwissu tal-istess sena 2014. Il-Kummissarju korrettement informa lill-Korporazzjoni konvenuta li dik il-kawża ma kinitx timpedixxi lill-Korporazzjoni li tagħti informazzjoni lill-attur skont il-Kapitolu 440, u li l-attur kellu dritt għal dik l-informazzjoni taħt l-artikolu 21 tal-istess Att. Fil-fatt il-Korporazzjoni konvenuta f'Jannar 2015 ipprovdiet lill-attur bl-informazzjoni rikjesta kif strettament meħtieġ bil-Kapitolu 440, tramite l-avukata tal-Korporazzjoni, Avv. Lena Sammut, fejn din informatu wkoll "li l-ebda proċessar awtomatiku ma sar fir-rigward ta' din l-informazzjoni" u dan jidher li kien jissodisfa r-rekwiżiti taħt il-Kapitolu 440, tant li x-xhud prodotta mill-attur l-Avv. Amy Saliba

[13] Dok. I *a fol.* 17 u 18 tal-proċess ippreżentat mar-Rikors Ġurmentat u Dok. 9 a *fol.* 49 u 50 tal-proċess anness mal-affidavit ppreżentat mill-attur.

għall-uffiċċju tal-Kummissarju, stqarret li l-kwistjoni sa dakinhar kienet riżolta. [14]

L-attur aġġorna lill-Qorti bi żvilupp ġdid meta xehed permezz ta' affidavit[15] u dan billi l-Korporazzjoni konvenuta allegatament kienet reġgħet ħarġet sejħa għal applikazzjonijiet simili fit-23 ta' Jannar, 2015[16], l-attur reġa' applika[17], reġa' rċieva *acknowledgement*[18], reġa' talab għal informazzjoni fil-25 ta' Marzu, 2015[19] u reġa' ma rċieva ebda tweġiba u kiteb mill-ġdid lill-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-*data*[20] fis-7 ta' April, 2015, u wara li kien diġà intavola l-kawża odjerna, il-Kummissarju wieġbu li kien ser jieħu passi kontra l-Korporazzjoni konvenuta[21] u effettivament immulta lill-Korporazzjoni din id-darba €300[22] u intimaha li kienet ser teħel €30 kuljum jekk tibqa' ma tweġibx lill-attur f'terminu stabbilit. Min-naħa tagħha l-Korporazzjoni konvenuta reġgħet bagħtet ittra lill-attur bħal dik li kienet intbagħtet wara l-ewwel applikazzjoni.[23]

Illi l-**Avukat Amy Saliba**, *legal officer* fl-uffiċċju tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-*data,* ikkonfermat il-provi li tressqu kwantu fejn kien involut l-uffiċċju tal-Kummissarju u oltre dan esebit l-

[14] *A fol.* 75 tal-proċess.
[15] *A fol*. 37 sa 39 tal-proċess.
[16] Dok. 11 *a fol.* 53 tal-proċess.
[17] Dok. 12 *a fol.* 54 u 55 tal-proċess.
[18] Dok. 13 *a fol.* 56 tal-proċess.
[19] Dok. 14 *a fol.* 57 tal-proċess
[20] Dok. 15 *a fol.* 58 tal-proċess.
[21] Dok. 16 *a fol.* 59 tal-proċess.
[22] Dok. 17 *a fol.* 60 u 61 tal-proċess – ittra datat 8 ta' Mejju, 2015 lill-Korporazzjoni mill-Kummissarju.
[23] Dok. 18 *a fol.* 62 u 63 tal-proċess, datata 14 ta' Mejju, 2015.

ewwel risposta li l-Korporazzjoni konventa kienet bagħtet lill-Kummissarju, taħt il-firma tal-avukat tal-istess Korporazzjoni, li tgħid:

> *"The Corporation brings to your attention the fact that in recent months, Mr. Tanti had been selected for the position of part-time trainer with ETC. Unfortunately, for reasons which are now the subject of legal proceedings instituted by the very same Mr. Tanti, that position was terminated in August 2014.*
>
> *With this information in mind and following a judicial protest and threatened litigation by Mr. Tanti against the Corporation, the decision was taken that communication with Mr. Tanti would only be carried out on a legal level through legal counsel and/or court acts. It was for this reason that communications were not replied to. Furthermore, in view of the fact that the second application for the same post had been filed solely weeks after the termination of Mr. Tanti's responsibilities for a similar post, ETC deemed it inappropriate that he should be reconsidered for such a position at that stage."*[24]

Fil-fatt kemm l-**Avukat Lena Sammut**, avukata tal-Korporazzjoni konvenuta u anki **Philip Rizzo**, li dak iż-żmien kien CEO tal-Korporazzjoni konvenuta, prodotti in eżami mill-attur, ikkonfermaw dan kollu u Philip Rizzo kkonferma li wara li kien ħa parir legali u parir mill-*Head of Training Division manager* Mariella Vella, li kitbitlu *"I highly recommend that his CV is not processed until the outcome of the judicial process is known,"*[25] hu bagħat ċirkulari f'dan is-sens lill-uffiċjali kkonċernati tal-Korporazzjoni.

[24] Dok. A *a fol*. 79 tal-proċess.
[25] *A fol.* 91 tal-proċess.

Illi x-xhud **Mariella Vella** *Head of Training Division manager* tal-Korporazzjoni konvenuta, ikkonfermat dawn il-fatti u żiedet tgħid illi l-attur twaqqaf mix-xogħol li kien qed jagħmel fis-6 ta' Awwissu, 2014 u li x-xogħol ta' *part-time trainer* skont l-applikazzjoni mertu ta' din il-kawża[26] kien jinvolvi ħafna suġġetti simili għal tax-xogħol li minnu l-attur kien tkeċċa preċedentement. Mariella Vella tgħid ukoll li hi kienet irrakkomandat lis-superjuri tagħha, Philip Rizzo, li l-applikazzjoni tal-attur tinżamm *on hold* u hu kkomunika dan lill-*HR.* Mariella Vella qalet ukoll li d-deċiżjoni ġiet anki kkomunikata b'*e-mail* fejn tat struzzjonijiet li mal-attur jikkomunikaw biss b'mezz legali.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

**<u>L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Segretarju Permanenti</u>**

Fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-konvenut Segretarju Permanenti jeċepixxi illi mhux il-leġittimu kuntradittur f'din il-kawża stante li huwa ma jiffigura imkien fil-kwistjoni li tinsab fil-qofol tal-kawża odjerna. Fil-fatt l-aktar ħaġa li tispikka fix-xhieda kollha prodotta f'din il-kawża hija li l-konvenut Segretarju Permanenti qatt ma jissemma, qatt ma kien involut f'xi

[26] Is-sejħa għall-applikazzjoni mertu ta' din il-kawża saret fil-11 ta' Awwissu, 2014.

deċiżjonijiet, diskussjonijiet jew korrispondenza u l-attur ma ressaq assolutament ebda provi li dan kien b'xi mod involut.

Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo *et. vs.* Jason Azzopardi *et.*** deċiża fil-5 ta' Ottubru, 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-leġittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet illi:

> "Biex jiġi stabbilit jekk parti in kawża kienetx jew le leġittimu kontradittriċi tal-parti l-oħra, l-Qorti trid bilfors tivverifika *prima facie* jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.
>
> Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi li l-konvenut kien ġie sewwa ċitat inkwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża.
>
> Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet opposti għat-talbiet, tasal għall-konkluzzjoni li l-konvenut - dikjarat *prima facie* leġittimu kontradittur - kien wara t-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta għal kollox estranju għar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata".

Tqis li ma hemm ebda neċessità li l-konvenut Segretarju Permanenti jitħalla f'dawn il-proċeduri stante li jekk jirriżulta li l-Korporazzjoni

konvenuta mxiet b'mod ħażin, effettivament il-ġudizzju ikun integru. Għaldaqstant din il-Qorti ser tillibera lill-konvenut Segretarju Permanenti mill-osservanza tal-ġudizzju u l-ispejjeż inkorsi minn dan il-konvenut għandhom indubbjament jiġu akkolati lill-attur, li ħarrku inutilment.

**L-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-Korporazzjoni konvenuta**

Illi l-Korporazzjoni konvenuta teċepixxi illi it-talbiet attriċi huma kontradittorji u li mit-talbiet attriċi ma jirriżultax b'mod ċar liema għemil amministrattiv qiegħed jintalab l-istħarriġ tiegħu. Il-Qorti qiegħda mill-ewwel tiċħad dawn l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta u dan għax għalkemm t-talbiet attriċi forsi jidhru ftit konfużi kif ippostulati, dawn mhumiex kontradittorji stante li l-attur inkluda l-kliem "u/jew" bejn kull talba biex jispjega li dawn setgħu jitqiesu bħala talbiet alternattivi u subordinati għal xulxin u li kellhom japplikaw skont kif jiżvolġu il-provi. Barra minn hekk il-Korporazzjoni konvenuta, bħalma fehmet ukoll il-Qorti, żgur li fehmet liema għemil amministrattiv l-attur kien qed jattakka u jitlob l-istħarriġ tiegħu. Jekk l-attur għandux raġun jew le, hi ħaġa li l-Qorti ser tiddermina f'din is-sentenza, però żgur li dan ma poġġiex lill-Korporazzjoni konvenuta f'xi pożizzjoni żvantaġġuża biex din tirrispondi. Fuq kollox dan intwera ċar mill-proċeduri nnifishom u l-pożizzjoni ċara li ħadet l-istess Korporazzjoni konvenuta għat-talbiet tal-attur.

Għaldaqstant l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta qed jiġu miċħuda.

**It-tielet eċċezzjoni tal-Korporazzjoni konvenuta**

Qabel jiġi eżaminat il-mertu nnifsu tal-kontestazzjoni bejn il-partjiet, jeħtieġ li tiġi eżaminata t-tielet eċċezzjoni tal-Korporazzjoni konvenuta, dik dwar l-intempestività tal-azzjoni li hija wkoll intrinsikament marbuta mal-mertu. Dan għaliex jekk jirriżulta li l-għemil tal-Korporazzjoni li qed jiġi kkontestat mill-attur kien effettivament illi din ma tiddeċidix l-applikazzjoni tal-attur u li żżommha *on hold* sakemm tiġi deċiża l-kawża intavolata mill-attur kontriha dwar it-terminazzjoni tal-ingaġġ preċedenti, wieħed irid jeżamina din l-eċċezzjoni flimkien ukoll mal-mertu.

Tqis illi mill-provi mressqa mill-Korporazzjoni konvenuta, ma jirriżultax li qabel ma ġiet intavolata din il-kawża ġiet ikkomunikata lill-attur id-deċiżjoni tal-korporazzjoni li s-sejħa mertu ta' din il-kawża tiġi miżmuma *on hold* pendenti l-eżitu tal-kawża intavolata mill-attur, Rikors Maħluf Numru 969/2014 (JRM). Kien jinkombi fuq il-Korporazzjoni konvenuta li eċċepiet din l-eċċezzjoni, li tressaq provi dwarha sal-grad probatorju li rikjest mil-liġi u dan abbażi l-prinċipju li jitnissel mill-ġurisprudenza

kostanti tal-Qrati tagħna[27], li min jallega jrid jasal biex jippruvah jew *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Anzi mill-provi jirriżulta proprju l-kuntrarju. Fix-xhieda tal-ex-CEO tal-Korporazzjoni konvenuta, Philip Rizzo, hemm ammissjoni li l-pożizzjoni li kien applika għaliha l-attur kienet se timtela. Tant hu hekk jgħid "ma tistax tħalli nies, studenti jiġu hemmhekk u ma jkollokx *lecturer*."[28]

Tqis għalhekk illi l-attur żgur ma kienx intempestiv illi ressaq dawn il-proċeduri f'dan l-istadju u l-Qorti qed tasal għal din il-konklużjoni mingħajr ma tidħol fil-mertu. 'Il għaliex f'każ illi jiġi ppruvat illi l-Korporazzjoni konvenuta mxiet b'mod irregolari jew illegali fil-konfront tal-attur u l-attur jispiċċa f'sitwazzjoni li jkun tilef il-pożizzjoni li applika għaliha, dan ma jistax jistrieħ biss fuq l-ipotesi tal-Korporazzjoni konvenuta li jekk jirbaħ il-kawża li għandu pendenti, ikun jista' jiġi *reinstated,* għax din semmai tibqa' biss ipotesi. Għaldaqstant il-Korporazzjoni konvenuta ma tistax takkampa mad-difiża tal-intempestività jekk il-postijiet abbinati ma' dik is-sejħa jkunu mtlew. B'hekk din l-eċċezzjoni qiegħda wkoll tiġi miċħuda.

Jibqa' b'hekk il-mertu proprju tal-vertenza odjerna u ċjoè l-istħarriġ tal-għemil amministrattiv tal-Korporazzjoni konvenuta.

[27] **Dr. H. Lenicker *vs.* J. Camilleri**, P.A., 31.05.1972, **Peter Paul Aquilina *vs.* Paul Vella**, App. Inf., 02.05.1995 u **Anthony Azzopardi *et. noe* *vs.* Lapsi Holdings Limited**, P.A., 19.01.2015.
[28] *A fol.* 90 sa 93.

In tema legali ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Hamid Rami *vs.* Id-Direttur tac-Ċittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijazzjoni *et.***[29] fejn dik il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjoni:

> "Illi huwa stabbilit ukoll li biex wieħed jista' jressaq azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, jeħtieġ juri li kien hemm xi deċiżjoni jew rifjut għal talba magħmula jew il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess jew warrant li jsiru minn awtorità pubblika sakemm din id-deċiżjoni, ordni, liċenza, permess jew warrant ma ssirx bil-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fi ħdan dik l-istess awtorità. Iżda mhux kull kitba li toħroġ minn ħdan xi awtorità pubblika tikkostitwixxi "deċiżjoni": biex ikollha dawk il-kwalitajiet, dik il-kitba trid tkun għalqet kwestjoni jew ilment billi tgħid li dik hija l-fehma aħħarija tal-awtorità pubblika li tkun għall-ilment jew għat-talba li jkunu sarulha."

Dan qiegħed jingħad bħala sfond għall-fatt li l-Korporazzjoni konvenuta qiegħda tiċħad kategorikament l-allegazzjoni tal-attur illi huwa ġie eskluż mill-proċess tal-għażla fis-sejħa mertu ta' din il-kawża, stante li l-applikazzjoni tiegħu ġiet sospiża temporanjament pendenti l-eżitu tal-proċeduri ċivili istitwiti mill-attur stess fl-ismijiet **Denis Tanti *vs.* Chairman Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ *et.*** quddiem din l-Qorti diversament presjeduta, u dan għaliex il-mertu ta' dawk il-proċeduri (RM Nru 969/2014) jinċidi direttament fuq il-proċess tal-għażla mertu tal-proċeduri odjerni, stante li jirrigwardja l-istess pożizzjoni. Però dik id-deċiżjoni ta' sospensjoni kienet saret u din hi d-deċiżjoni li effettivament ittieħdet u li l-Qorti se tistħarreġ dwarha biex tiddetermina jekk hemmx ksur ai termini tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[29] P.A., 07.02.2014.

Illi l-attur fl-ewwel lok qiegħed jitlob għal dikjarazzjoni li kien hemm ksur tal-artikolu 469A (1)(a) tal-Kap. 12 inkwantu ma ġiex rispett l-artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni, kif ukoll għemil *ultra vires* ai termini tal-artikolu 469A (1) (b) (i), (ii), (iii) u (iv).

L-artikolu 469A (1) tal-Kap. 12 jipprovdi:

> 469A. (1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:
>
> (a) meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;
>
> (b) meta l-egħmil amministrattiv ikun *ultra vires* għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:
>
> > (i) meta dak l-egħmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew
> >
> > (ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew
> >
> > (iii) meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;
> >
> > (iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi.

Illi l-attur fit-talbiet tiegħu jsostni *inter alia* illi l-għemil amministrattiv mertu ta' din il-kawża jikser il-Kostituzzjoni u dan inkwantu ma ġiex rispettat l-artikolu 110(1)[30]:

Illi mandakollu l-attur bl-ebda mod ma jgħid kif l-istess subartikolu ma ġiex rispettat. Kif sewwa rrimarkat il-Korporazzjoni konvenuta, dan l-artikolu ma japplikax għaċ-ċirkostanti tal-kawża odjerna stante li s-sejħa inkwistjoni ma kinitx għall-ħatra ta' uffiċjali pubbliċi.

L-attur ma ta ebda spjegazzjoni loġika u konvinċenti dwar din it-talba partikolari tiegħu, salv li fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu jgħid:

> "Illi f'dan ir-rigward issir referenza wkoll għal Direttiva Numru 2002/73/EC li f'Artikolu 3 tagħha tgħid:
>
> *"Application of the principle of equal treatment means that there shall be no direct or indirect discrimination on the grounds of sex in the public or private sectors, including public bodies, in relation to:*
>
> *(a) conditions for access to employment, to self-employment or to occupation, including selection criteria and recruitment conditions, whatever the branch of activity and at all levels of the professional hierarchy, including promotion;"*
>
> Illi l-esponent jifhem illi din hija direttiva li tirrigwarda l-ugwaljanza bejn is-sessi u tittutela din l-ugwaljanza anke fl-istadju ta' qabel l-impjieg (fil-punt tal-għażla, bħall-każ odjern), iżda b'analoġija għall-każ preżenti, għandu jingħad illi bħalma

[30] "110. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, is-setgħa li jagħmel ħatriet għall-karigi uffiċjali u li jneħħi, u li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq, persuni li jkollhom jew ikunu jaġixxu f'xi karigi bħal dawk tkun fil-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku:
Iżda l-Prim Ministru jista', billi jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, jiddelega bil-miktub, salvi dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jkunu speċifikati fid-dokument ta' delega, kull waħda mis-setgħat msemmija f 'dan is-subartikolu lil dak l-uffiċjal pubbliku jew awtorità oħra kif jista' jkun speċifikat fid-dokument."

għandu jkun hemm ugwaljanza bejn is-sessi, kellu jkun hemm l-istess trattament għall-applikanti kollha anke fil-fatti tal-kawa odjerna, u l-esponent għall-inqas kellu jiġi informat illi l-applikazzjoni tiegħu mhux ser tiġi ikkunsidrata. Dan qed jingħad partikolarment minħabba l-fatt illi Direttiva Numru 2002/73 EC daħlet minflok oħra eqdem, ċioè 76/207 EC, li kienet aktar ġenerika u kienet introduċiet l-ugwaljanza mhux biss speċfikament bejn is-sessi, iżda b'mod aktar ġeneriku."

Hawnhekk l-attur qed jagħmel riferiment għad-*Directive 2002/73/EC of the European Parliament and of the Council of 23 September 2002 amending Council Directive 76/207/EEC on the implementation of the principle of equal treatment for men and women as regards access to employment, vocational training and promotion, and working conditions.*

Tqis illi mhux lakemm wieħed jifhem fuq liema bażi qiegħda ssir din l-analoġija mal-każ odjern. Jekk l-attur qed jitlob li jsir stħarriġ ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 minħabba allegat ksur tal-Kostituzzjoni għax l-attur ġie b'xi mod iddiskriminat, dan ma jirriżultax bl-ebda mod mill-provi. Fil-proċess tal-għażla li jrid issir, l-Korporazzjoni trid tuża d-diskrezzjoni tagħha biex tara min hu tajjeb jew le għall-pożizzjoni inkwistjoni. Wieħed mill-elementi li effettivament qieset il-Korporazzjoni fil-proċess ta' għażla kien proprju li peress li l-attur kellu l-inkarigu preċedenti tiegħu tterminat, kienet xi ħaġa li taqa' fil-poter diskrezzjonali tagħha li tiddeċiedi li ma terġax timpjegah. Peress li l-attur kien ikkontesta tali terminazzjoni fi proċeduri ġudizzjarji, il-Korporazzjoni konvenuta għall-eventwalità li l-Qorti tiddeċiedi favur l-attur, minflok ċaħdet lill-attur milli jerġa' japplika, żammet din l-applikazzjoni *on hold*

sakemm il-kwistjoni tkun deċiża mill-Qorti. Mill-provi ċertament ma jirriżultax li kien hemm xi diskriminazzjoni projbita mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni Ewropea għad-Dritiijiet Fundamentali tal-Bniedem.

L-attur jirritjeni wkoll illi l-għemil tal-Korporazzjoni konvenuta kien *ultra vires* għax twettaq minn awtorità pubblika li ma kinitx awtorizzata sabiex twettqu u jsejjes din it-talba skont l-artikolu 469A (1) (b) (i) tal-Kap. 12.

Il-Korporazzjoni konvenuta ħarġet is-sejħa, kif kienet ħarġet is-sejħa preċedenti fejn kien intgħażel l-attur skont is-setgħat mogħtija lill-Korporazzjoni bil-Kap. 343. Kif inhu fil-funzjonijiet tal-istess Korporazzjoni li tagħmel sejħa għal *part-time trainers*, huwa ovvjament ukoll fis-setgħat tagħha li ma tagħżilx lil min fid-diskrezzjoni tagħha ma jkunx idoneju għal din il-pożizzjoni u hu ċertament fattur rilevanti li wieħed mhuwiex idoneju meta kellu l-inkarigu preċedenti tiegħu tterminat għal raġunijiet validi. L-attur ma spjegax b'liema mod il-Korporazzjoni konvenuta setgħet kienet qiegħda taġixxi *ultra vires* u għaldaqstant lanqas din l-eċċezzjoni ma tista' tiġi milqugħa.

L-attur jinvoka wkoll l-artikolu 469A (1) (b) (ii) tal-Kap. 12 meta jsostni illi l-għemil tal-Korporazzjoni konvenuta kien *ultra vires* għax l-awtorità pubblika naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil.

Teżisti ġurisprudenza vasta dwar dan is-suġġett kemm tal-Qrati tagħna u anki tal-Qrati Ingliżi. Fis-sentenza fl-ismijiet **Said International Limited *vs.* Bank Ċentrali ta' Malta**[31] ntqal dan li ġej:

> "Fid-dritt amministrattiv ta' pajjiżna, li huwa fondat fuq il-liġi Ingliża (ara **Cassar Desain vs. Forbes *noe*.**, Qorti tal-Appell, 7 ta' Jannar, 1935 u **Lowell *et. vs.* Caruana *et*.**, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 14 ta' Awwissu, 1972) kemm il-prinċipju tal-*judicial review* kif ukoll il-prinċipji tal-ġustizzja naturali kienu ilhom jiġu applikati ferm qabel mal-Parlament Malti għamel liġijiet *ad hoc* sabiex jirregola l-materja. Dan seħħ għaliex il-Qrati Maltin kienu affermaw illi fejn tkun tirriżulta *lacuna* fid-Dritt Pubbliku (u d-Dritt Amministrattiv huwa fergħa tad-Dritt Pubbliku) għandha tapplika l-Liġi Ingliża. Huwa risaput li l-prinċipji tal-ġustizzja naturali huma dawk il-prinċipji minimi li għandhom ikunu osservati waqt proċeduri anke ta' entità amministrattiva illi għandha l-kompitu li tiddeċiedi dwar fatti li fuqhom imbagħad għandha l-poter li tieħu deċiżjonijiet li jaffettwaw id-drittijiet tal-persuna. Il-prinċipju *audi alteram partem* jirrikjedi li qabel ma tittieħed deċiżjoni amministrativa fil-konfront ta' persuna, dan tal-aħħar mhux biss għandu jiġi mgħarraf, iżda għandu jingħata l-opportunità li jgħidu tiegħu, fuq kollox jingħata widen tassew għal dak li għandu xi jgħid, u fl-istess waqt jingħata l-opportunità li jiddefendi l-każ kif inhu xieraq."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Borg *vs.* l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku**[32] ngħad dan li ġej dwar il-prinċipji tal-ġustizzja naturali:

> "Bil-kemm għandu jingħad li l-ħtieġa li t-tribunali jew awtoritajiet amministrattivi iħarsu b'mod skrupoluż it-tħaddim ta' dawn il-prinċipji hija waħda li m'għandux ikun hemm disposizzjoni espressa tal-liġi sabiex wieħed japplikaha. It-tħaris ta' dawn il-prinċipji fit-tmexxija tal-amministrazzjoni pubblika għandu jkun il-kejl minimu li jiggarantixxi t-trasparenza u s-siwi tal-egħmil amministrattiv. Għall-kuntrarju in-nuqqas ta' tħaris ta' dawn il-prinċipji jwassal għall-irritwalità tal-egħmejjel hekk imwettqa u għat-tħassir tagħhom."[33]

[31] Rik Nru: 1145/2008JZM, 12.12.2011.
[32] P.A., (JRM), 21.05.2009.
[33] Ara wkoll **Debono *vs.* Phoenicia Systems Ltd.**, Appell Inferjuri, 19.05.2004.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Falzon *vs*. Ministru għall-Affarjiet Rurali u l-Ambjent *et*.**[34] ġie ritenut kif ġej:

> "Illi għalhekk hemm il-ħtieġa li persuna jkollha preavviż tal-proċeduri li jkunu ser isiru kontra tagħha, inkluż l-akkużi dwar l-istess u konsegwenzi li joħorġu konsegwenza tal-istess, tant li fl-*Evans De Smith's Judicial Review of Administrative Action (4th Edit*. fol. 196) jingħad li:
>
> *"Natural Justice generally requires that the persons liable to be directly affected by the proposed administrative acts, decisions or proceedings be given adequate notice of what is proposed, so that they might be in a position: (a) to make representations on their own behalf; or (b) to appear at a hearing or inquiry (if one is to be held); and (c) effectively to prepare their own case and to answer the case (if any) they have to meet … In a large majority of the reported cases where breach of the audi alteram partem rule has been alleged, no notice whatsoever of the action taken or proposed to be taken was given to the person claiming to be aggrieved, and failure to give him proper notice was tantamount to denial of an opportunity to be heard on that matter".* **(Dr J. Cachia Fearne *vs.* Segretarju Permanenti *et*.,** Prim Awla, 20 ta' Ottubru, 2005; **Gonzi *vs.* Malta Drydocks Corporation,** Prim Awla, 27 ta' Ottubru, 2004)."

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **A & J Ta' Miema Ltd *vs.* Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**[35] deċiża mill-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), kien ippreċiżat li:

> "ovvjament, il-prinċipju *audi alteram partem*, ma jfissirx li l-parti milquta trid bil-fors tinstema', iżda li tingħata l-opportunità tressaq il-każ tagħha."

Illi f'paġna 240 tal-Garner's *Administrative Law* iċċitat fis-sentenza fl-ismijiet **Attard *vs.* Kunsill Lokali tal-Munxar Għawdex**[36] jingħad hekk:

---

[34] P.A.,27.01.2011.
[35] 14.10.2004.
[36] Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (AE), 29.02.2008.

> *"the audi alteram partem rule – the essence of which is that, in certain contexts, prior to a decision being taken in the exercise of statutory power which may adversely affect the interests of individuals, those individuals should be alerted to the fact of, and the reasons for, the impending decision or action, and be permitted reasonable opportunity to make representations"*

Fil-paġna 441 ta' *Administrative Law* ta' *Wade & Forsyth* jingħad hekk:

> *"the rules of natural justice thus operate as implied mandatory requirements, non-observance of which invalidates the exercise of the power."*

Ikompli jsostni Lord Bridge fil-kawża **Lloyd *vs.* McMahon** tal-1987 iċċitata f'paġna 335 tal-*Judicial Review Handbook* (1994):

> *"the so-called rules of natural justice are not engraved on tablets of stone. To use the phrase which better expresses the underlying concept, what the requirements of fairness demand when any body, domestic, administrative or judicial, has to make a decision which will affect the rights of individuals depends on the character of the decision-making body, the kind of decision it has to make and the statutory or other framework in which it operates."*

Apparti l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, l-artikolu 469A (1) (b) (ii) tal-Kap. 12 jitkellem ukoll dwar ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv. Fis-sentenza tal-1985 tal-House of Lords fil-kawża **Council of Civil Service Unions and Others *vs.* Minister for the Civil Service** ingħad hekk minn Lord Diplock:

> *"I have described the third head as 'procedural impropriety' rather than failure to observe basic rules of natural justice or failure to act with procedural fairness towards*

*the person who will be affected by the decision. This is because susceptibility to judicial review under this head covers also failure by an administrative tribunal to observe procedural rules that are expressly laid down in the legislative instrument by which its jurisdiction is conferred, even where such failure does not involve any denial of natural justice."*

Illi l-Qorti siltet estratti estensivi mill-ġurisprudenza lokali u mid-duttrina u l-ġurisprudenza Ingliża dwar dan is-sub-paragrafu minħabba li hawn si tratta dejjem dwar deċiżjoni li tkun ittieħdet inkella dwar deċiżjoni li qatt ma tkun ser tittieħed. Mill-provi li ġew prodotti, jirriżulta illi hawn id-deċiżjoni kienet sospiża sakemm ikun hemm deċiżjoni finali tal-Qorti fil-konfront tat-terminazzjoni tal-ewwel inkarigu illi kellu l-attur mal-Korporazzjoni konvenuta. Minħabba l-imsemmija proċeduri quddiem il-Qorti, il-Korporazzjoni konvenuta kienet ingħatat parir biex ma tikkommunikax mal-attur ħlief ġudizzjarjament jew tramite l-avukati tagħha u lanqas biss infurmat lill-attur li kienet qed tissospendi id-deċiżjoni tagħha sakemm tiġi deċiża l-kawża li kienet għadha pendenti. In-nuqqas tal-Korporazzjoni konvenuta li tgħaddi din l-informazzjoni lill-attur swielha multa mill-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-*Data,* iżda dan mhux il-mertu tal-azzjoni odjerna. Kieku l-Korporazzjoni konvenuta ċaħdet l-applikazzjoni tal-attur minħabba l-kawża li kellu kontriha billi sabitu ħati ta' xi aġir u mingħajr ma tagħtu ebda spjegazzjoni jew opportunità li jgħid tiegħu, l-attur kien ikun korrett jekk isostni li tkun ittieħdet deċiżjoni *ultra vires* kontra l-prinċipji bażiċi tal-ġustizzja naturali, stante li l-Korporazzjoni konvenuta ma tkunx tat opportunità lill-attur li jikkontesta tali deċiżjoni. Madankollu fil-każ odjern quddiem din il-Qorti, kulma għamlet il-Korporazzjoni konvenuta

kien li rrinvjat d-deċiżjoni tagħha, pendenti l-eżitu tal-kawża li l-attur fetaħ kontriha.

Illi l-attur isostni wkoll illi l-għemil amministrattiv tal-Korporazzjoni konvenuta kien *ultra vires* ai termini tal-artikolu 469A (1) (b) (iii) tal-Kap. 12 stante li abbużat mis-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan sar għal għanijiet mhux xierqa jew imsejjsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti qiegħda tagħmel riferiment prinċipalment għat-tagħlim tal-awturi Inġliżi. L-awtur **Wade (*Administrative Law*)** isostni illi:

> *"A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is intended to do so – he must not in the exercise of his discretion do what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably."*

Tqum il-kwistjoni dwar *the legal standard of reasonableness* li huwa meħtieġ li jiġi sodisfatt bħala rekwiżit għax kif jirritjeni dan l-awtur:

> *"virtually all administrative decisions are rational in the sense that they are given for intelligible reasons but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness … within the bounds of legal reasonableness is the area in which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires."*

Illi ġie ritenut ukoll mill-Qrati tagħna illi sabiex deċiżjoni titqies raġonevoli jeħtieġ li tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi (**Dingli *et. vs*. Kontrollur tad-Dwana *et***.[37] u **Dalli *vs*. Sollars *et.***[38]).

Lord Greene MR fil-kawża **Associated Provincial Picture Houses Ltd. *vs.* Wednesbury Corporation** (1948) 1, KB, 223 jgħid kif ġej:

> *"It is true that the discretion must be exercised reasonably. Now what does that mean? Lawyers familiar with the phraseology commonly used in relation to exercise of statutory discretion often use the word 'unreasonable' in a rather comprehensive sense. It has frequently been used and is frequently used as a general description of the things that must not be done. For instance, a person entrusted with a discretion must, so to speak, direct himself properly in law. He must call his own attention to the matters which he is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey those rules, he may truly be said, and often is said, to be acting 'unreasonably.' Similarly, there may be something so absurd that no sensible person could ever dream that it lay within the power of the authority.* ***Warrington LJ in Short v Poole Corporation*** *[1926] Ch 66 at 90, 91 gave the example of the red-haired teacher dismissed because she had red hair. That is unreasonable in one sense. In another sense it is taking into consideration extraneous matters. It is so unreasonable that it may be described as being done in bad faith; and, in fact, all these things run into one another."*

Dwar kunsiderazzjonijiet irrilevanti Lord Esher MR fil-kawża **R. *vs.* St. Pancras Vestry"** (1890) jgħid dan li ġej:

[37] Appell, 27.03.2009.
[38] P.A., 20.10.2009.

> *"they must fairly consider the application and not take into account any reason for their decision which is not a legal one. If people who have to exercise a public duty by exercising their discretion take into account matters which the courts consider not to be proper for the exercise of their discretion, then in the eye of the law they have not exercised their discretion."*

Illi skont **Garner's *Administrative Law***, B.L. Jones & K. Thompson, Tmien Edizzjoni, Butterworths, 1996 (pag. 224) fid-Dritt Amministrattiv Ingliż, il-Qrati għandhom is-setgħa illi jissindakaw:

> *" … that the decision making body addressed itself to all relevant factors, and ignored irrelevant factors, in coming to its conclusions".*

Fl-istess waqt Forbes J. fil-kawża **Pickwell *vs.* Camden London Borough Council** (1983), osserva li r-rwol tal-Qorti mhijex li jgħidu:

> *"whether due or proper weight is given to a material consideration: the weight to be given to such a matter is for the body exercising the discretion to determine; the court will no more substitute its own view of the importance of any relevant matter than it will do so for any other matter of statutory discretion"*

Illi l-kompitu tal-qorti mhuwiex li sservi ta' appell jew ta' reviżjoni tad-deċiżjoni tal-awtorità jew entità pubblika liema tkun, iżda li tqis jekk id-deċiżjoni li ħadet l-entità pubblika kinitx taqa' fil-parametri tal-liġi. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Fava *pro. et. noe. vs.* Supretendent tas-Saħħa Pubblika *noe. et.***[39] esprimiet il-ħsieb tagħha bl-aktar mod ċar:

[39] Q.A., 11.05.2010.

> "F'każ li l-qrati ordinarji jiġu mitluba jistħarrġu għemil amministrattiv, il-kompetenza tagħhom hi limitata biex tordna li tittieħed deċiżjoni jew biex tħassar dik l-istess deċiżjoni, però ma jaslu qatt biex huma stess jieħdu d-deċiżjoni flok l-awtorità kompetenti. Jekk liġi tvesti diskrezzjoni f'xi awtorità, hija dik l-awtorità li trid tuża dik id-diskrezzjoni u tieħu d-deċiżjoni; jekk id-deċiżjoni li tittieħed tiġi mħassra, il-kwistjoni tiġi rimessa mill-ġdid lill-awtorità biex dik tieħu d-deċiżjoni tagħha kif suppost u fit-terminu tal-konsiderazzjonijiet kollha rilevanti."

Din il-Qorti għalhekk mhijiex mitluba tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha flok dik tal-Kopporazzjoni konvenuta, iżda trid tqis jekk fiċ-ċirkustanzi kollha tal-każ l-ordni li ngħatat mill-Korporazzjoni konvenuta kinitx raġjonevoli, u li l-istess Korporazzjoni konvenuta qieset kull kunsiderazzjoni rilevanti u li ma tatx qies ta' kunsiderazzjonijiet irrilevanti.

Illi fil-każ odjern li għandha quddiemha l-Qorti, il-Korporazzjoni konvenuta ma ħallietx id-deċiżjoni preċedenti tagħha dwar t-terminazzjoni tal-ingaġġ tal-konvenut tinfluwixxi fuq id-diskrezzjoni tagħha sakemm ikun hemm deċiżjoni finali tal-Qorti fil-kawża intavolata mill-attur dwar l-imsemmija terminazzjoni. Għad illi l-Korporazzjoni konvenuta qieset illi ma kienx jagħmel sens li terġa' tingaġġja lill-attur f'pożizzjoni simili għal dik li kien jokkupa l-attur preċedentement u li kienet ġiet itterminata mill-istess Korporazzjoni konvenuta, ġialadarba l-attur kien ikkontesta l-imsemmija terminazzjoni permezz ta' proċeduri ġudizzjarji appożiti, il-Korporazzjoni konvenuta ddeċidiet illi ma

tipproċessax l-applikazzjoni tal-attur pendenti l-eżitu tal-kawża li huwa intavola kontra l-Korporazzjoni konvenuta. Tqis f'dan ir-rigward illi ma kien hemm xejn li jista' jkun meqjus bħala irraġjonevoli jew irregolari da parti tal-Korporazzjoni konvenuta.

Illi l-attur jikkontendi inoltre illi l-għemil amministrattiv inkwistjoni huwa wkoll *ultra vires* għaliex imur mod ieħor kontra l-liġi u dan fis-sens tal-artikolu 469A (1) (b) (iv) tal-Kap. 12 u dan minħabba li l-esklużjoni tal-attur saret għal raġunijiet mhux validi fil-liġi. Madankollu l-Korporazzjoni konvenuta kulma għamlet kien li ssospendiet id-deċiżjoni tagħha pendenti l-ġudizzju finali tal-Qorti li ntalbet tiddikjara jekk it-terminazzjoni tal-ingaġġ preċedenti tal-attur kinitx ġustifikata jew le. Dan *per ser* jammonta għal eżerċizzju ta' diskrezzjoni fil-parametri legali li setgħet tirrikorri għalih il-Korporazzjoni konvenuta.

Skont l-awtur Garner, *Administrative Law, 8th Edition*, pag. 224:

> *"It is important to note that the Courts are here concerned with what factors were or were not considered in reaching a decision. They are not concerned here with* ***how*** *they were considered, or concerned with what* ***weight*** *was accorded to each. As Forbes J put it in* ***Pickwell vs. Camden London Borough Council*** *(1983) '…the court is not concerned with whether due or proper weight is given to a material consideration: the weight to be given to such a matter is for the body exercising the discretion to determine.... To consider a matter and to conclude that the weight to be accorded to it is nil 'lies within the scope of discretion' and is 'not necessarily to be equated with ignoring' that consideration. In other words, the role of the reviewing court is simply to satisfy itself that the decision-*

> *making body addressed itself to all relevant factors, and ignored irrelevant factors, in coming to its conclusions."*

Fil-każ odjern l-Korporazzjoni konvenuta waslet għad-deċiżjoni li tissospendi l-applikazzjoni tal-attur minħabba li kien hemm fattur skont hi rilevantissimu, ċjoè it-terminazzjoni ta' xogħol simili li l-attur kellu mal-stess Korporazzjoni konvenuta, liema terminazzjoni qiegħda tiġi ttrattata f'kawża separata minn din li għadha *sub judice*.

Tqis illi f'dakollu m'hemm xejn li mhux validu skont il-liġi.

**Spejjeż tal-proċeduri**

Illi l-attur kien jaf li terminazzjoni tal-ingaġġ preċedenti tiegħu kien il-motiv għalfejn il-Korporazzjoni konvenuta ssosspendiet it-tieni applikazzjoni tal-attur u dan meta l-attur stess ġie infurmat mill-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni bir-risposta tal-Korporazzjoni u għalhekk l-attur kellu ħjiel ċar ta' x'kienet ir-raġuni għalfejn il-Korporazzjoni konvenuta ma waslet għal ebda deċiżjoni dwar it-tieni applikazzjoni. Dan il-fattur ser jittieħed inkonsiderazzjoni mill-Qorti meta din tiġi biex takkolla l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri. Fattur ieħor importanti li l-Qorti ser tieħu inkonsiderazzjoni f'dan ir-rigward, huwa li mill-provi prodotti ma jirriżultax li l-attur bagħat ittra uffiċjali interpellatorja jew protest ġudizzjarju lill-Korporazzjoni konvenuta fejn il-

pretensjoni jew it-talba ġiet imfissra b'mod ċar, qabel ma istitwixxa l-proċeduri odjerni, skont kif jitlob l-artikolu 360(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.[40]

Illi kif diġà deċiż mill-Qrati tagħna, din il-proċedura tapplika anki fil-konfront tal-Korporazzjoni konvenuta:

> "Illi l-attur ma qajjem l-ebda kwestjoni dwar jekk ETC hijiex waħda minn dawk l-entitajiet li jgħodd għalihom l-artikolu 460. Mhux kull entità li hija maħluqa bil-liġi jew li l-Gvern jista' jkollu kontroll fiha tista' ssejjaħ favuriha l-imsemmi privileġġ.[41] Iżda, minħabba ċirkostanza partikolari li sejra tissemma aktar 'il quddiem, din il-Qorti tqis li ETC hija "benefiċjarja" tal-privileġġ proċedurali mogħti bl-imsemmi artikolu u dan bis-saħħa tad-delega Ministerjali li hija ilha li ngħatat sa minn Lulju tal-2005.[42] Bis-saħħa tal-imsemmija delega, ETC libset l-attributi kollha ta' enti governattiv jekk mhux saħansitra wkoll il-personalità eżekuttiva vestita fil-Ministru konċernat. Jekk wieħed jaqra sewwa d-delega ministerjali magħmula lill-ETC fil-Gazzetta Uffiċjali, wieħed isib li din ingħatat taħt is-saħħa tal-artikolu 26(1) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta li espressament jipprovdi li kemm il-Prim Ministru u kif ukoll il-Ministru (responsabbli mill-Immigrazzjoni) għandhom is-setgħa li jawtorizzaw lil "xi korp magħqud stabbilit bil-liġi biex jeżerċita minfloku s-setgħat kollha jew uħud minnhom mogħtija lilu bħala Prim Ministru jew Ministru" safejn il-liġi nnifisha tippermetti li tali setgħat jistgħu jkunu delegati. Fil-każ partikolari, ETC ngħatawlha b'delega s-setgħat li jinħarġu permessi biex persuna teżerċita xi professjoni jew xogħol f'Malta[43] u l-għoti ta' garanzija li taħtha jinħareġ permess bħal dak;[44]

[40] "460. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista' jiġi ppreżentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jiġi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha, ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar."

[41] Ara. P.A., JA, 12.10.2009, **C.E.B. Metals Ltd. *vs.* Malta Industrial Parks Ltd. *et.*** (sentenza *in parte*).

[42] Dok "ETC1", *a fol.* 12 tal-proċess.

[43] Art. 11(1)(3) tal-Kap. 217.

[44] Art. 12(1) tal-Kap. 217.

> Illi filwaqt li huwa magħruf li kull persuna jew korp delegat minn Ministru tal-Gvern jitqies bħala mandatarju tal-istess Ministru (wkoll għall-finijiet proċedurali), il-kliem tad-delega partikolari mogħtija lill-ETC jixhed li s-setgħat delegati ttrasferew ukoll il-personalità u d-diskrezzjoni li l-istess Eżekuttiv iħaddan li kieku dik id-delega ma saritx. Dawk is-setgħat tibqa' żżommhom sakemm jiġu rtirati minn min tahomlha. Minbarra dan, ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li ETC twettaq funzjonijiet pubbliċi u tħaddan kwalità ta' awtorità pubblika b'kariga pubblika. Li kieku ma kienx hekk, kieku l-azzjoni tal-atturi taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi ma kinitx tista' titressaq għaliex l-istħarriġ ġudizzjarju jsir biss fir-rigward ta' għemil amministrativ ta' awtorità pubblika."[45]

Illi għalhekk huwa tassattiv skont l-artikolu 460(3) tal-Kap. 12 li l-Korporazzjoni konvenuta tiġi interpellata permezz ta' ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju qabel ma tiġi istitwita kawża kontriha, imma f'dan il-każ ma jirriżultax mill-atti li saret din l-interpellazzjoni.

**Decide**

**Għaldaqstant din il-Qorti għar-raġunijiet suespost qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**(1) Tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;**

[45] **Fawzi Mohammed Mel Bkay** ***vs.*** **Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ**, 03.02.11, P.A. *Vide* wkoll fl-istess sens **Gopinath Venugopal Jey Akrishna Moorthy u G & N Technologies Limited** ***vs. Chairman*** **Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ**, P.A., 24.11.10.

**(2) Waqt li tiċħad l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta, tiċħad l-ewwel talba tal-attur fil-mertu għar-raġunijiet fuq esposti u konsegwentement tiċħad ukoll it-tieni u t-tielet talbiet konsegwenzjali tal-attur, u in vista ta' dak li ġie kkonstat mill-Qorti dwar in-nuqqas ta' ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju qabel dawn il-proċeduri, l-ispejjeż kollha tal-kawża għandu jbatihom l-attur.**

Moqrija.